Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

L-GĦAXAR KUNSILL

SEDUTA NRU. 22 – It-Tnejn 30 ta' Marzu 2026 fis-13:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn Marzu 2026 fis-13:00 ta' wara nofsinhar.

**Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**21.1 Talba**

22.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

22.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**22.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

22.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

22.1 Talba

22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

22.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**22.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

22.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li ġejna nfurmati li t-tnedija tas-servizz tal-ġbir tal-BCRS mid-djar f'Għawdex, liema servizz se jibda jingħata mid-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni. Dawk ir-residenti ta' 60 sena jew aktar u dawk li għandhom il-"blue badge", issa jistgħu jibbukkjaw għas-servizz tal-ġbir u jkollhom il-flixken vojta tal-plastik u tal-ħġieġ, kif ukoll il-laned, miġbura direttament mid-dar tagħhom. Dan is-servizz li huwa bla ħlas huwa mfassal biex jagħmel il-ħajja ta' kuljum aktar konvenjenti, b' "voucher" li jingħata waqt il-ġbir u li jista' jintuża fis-supermarkets ewlenin.

22.4.2 Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li ġejna mitluba minn Mizzi Studio sabiex nappoġġjaw id-disinn tagħħhom dwar ir-riabilitazzjoni tal-Blue Lagoon f'Kemmuna għal premju NEB Boost for Small Municipalities Prize. Il-Kunsill qabel jappoġja id-disinn għaliex bħala għan għandu dak li jagħmel din iż-żona aktar sustenibbili u tnaqqas mill-problemi eżistenti.

22.4.3 Dwar dan l-istess suġġett il-Kunsill qabel wkoll li għandna nopponew pubblikament kontra ċ-ċatra tal-parties Noma Island speċjalment għal fatt li tkun stazzjonata qrib Kemmuna, sit protett ta' Natura 2000 u li dan jista' jagħmel ħerba mill-ekosistemi tal-baħar. Kunsilli ohra Maltin li kellhom ukoll din it-talba lkoll oggezzjonaw. Sar qbil li ghandna ninghaqdu mal-NGOs u nopponu ghaliha.

22.4.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li rċivejna talba minn 'Friends of the Earth' sabiex nissieħbu bħala partners fil-Climate Shelters and Resilient Infrastructure' taħt il-fond tal-Unjoni Ewropeja CERV. Il-Kunsill qabel dwar dan. S'issa minkejja li applikajna bħala partners għal kemm il-programm, għadna ma ntagħżilna fl-ebda wieħed minnhom.

22.4.5 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li se jiġi ffirmat 'Addendum bejn il-Kunsill u l-Kurja sabiex tinkludi pjanta aġġornata bit-taraġ u zuntier kif wkoll id-dwal eterni ta' fuq il-Knisja. Il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon din l-aħbar.

22.4.6 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għat-talba li għandna sabiex tiġi installata Librerija fl-apert bi Ftehim bejn l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u l-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem. Din il-librerija ser tkun dejjem updated bil-kotba. Il-Kunsill iddiskuta l-post fejn din tista titpoġġa u sar qbil li preżentament għandna nagħmluha fil-Pjazza tad-Dehra u mbad eventwalment nixxiftjawha għal ġnien pubbliku fil-faċċata appena jitlesta l-proġett.

22.4.7 Is-Sindku aċċena wkoll għall-inċident li ġara nhar is-16 ta' Marzu fejn ċediet parti oħra minn Triq Wied Rgħajjes. Din id-darba jidher li truck li jidher li kien mgħobbi aktar milli suppost sfroda fit-tunnel tal-storm water li hemm. Il-Perit Godwin Sultana kien pront li ġie fuq il-post u qed jikkordina mal-Ministeru għal Għawdex sabiex titranġa il-ħsara filwaqt li qed issir talba sabiex titranġa it-triq kollha minħabba ir-riskju ta' aktar ċediment tat-triq. Qed isiru wkoll diskussjonijiet li ssir it-triq kollha peress li qed taqa biċċa biċċa.

22.4.8 Is-Sindku spjega kif dwar Tolfarte ħassarana l-fatt li jitilgħu l-aljevi minħabba spejjes kbar ta' flights u lodging għal grupp kbir. Issa qed jiġi suġġerit li ntellgħu lill-artist Mark Xuereb għal edizzjoni ta' din is-sena. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Is-Sindku kompla jispjega li qed nistennew ukoll mill-Kunsill ta' Tolfa hux se tiġi il-Banda tagħhom għal festa ta' din is-sena.

Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-laqgħa li kellu flimkien mas-Sindku Xewkija, Supretendent tal-Pulizija u l-Perit Shawn Micallef fit-Triq tal-Heliport sabiex tissolva l-problema tat-trailers illegali li hemm ipparkjati fil-post. Sar qbil li nagħmlu bicycle u walking lane miċ-Ċimiteru ta' Għajnsielem sal-bidu tax-Xewkija . Il-Perit issuġġerixxa li ninkarigaw lis-Surveryor Jean Paul Cefai biex jagħmlilna survey tat-triq biex hu jkun jista jipprovdi l-pjanti meħtieġa. Il-Kunsill qabel ma' dan.

**22.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

22.5.1 Il-Kunsillier Stephen Mercieca reġgħa għamel referenza għall- karrijiet abbandunati tat-Triq tal-Heliport. Is-Sindku wieġbu li għaddejjin id-diskussjonijiet mal-Pulizija, Periti u Kunsill Xewkija biex noħorġu bl-aħjar soluzzjoni biex żgur ma jipparkjawx hemm billi ssir bike lane.

22.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għal prezenza tiegħu fil- laqgħa tar-Reġjun Għawdex fejn infurmaw li ser jibdew jibgħatu xi ħaddiem għal knis bil-vacuum machine darba kull ħmistax u jimxu ma' skeda li ntuhom aħna. Importanti li fejn ikun ser isir il-knis npoġġu No Parking signs u navżaw lill-pubbliku .

22.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera wkoll għar-rapprezentanza li taha f'isem il-Kunsill f'laqgħa fl-Imġarr u fiha ġie diskuss it-titjib tal-aċċess tal-Port tal-Imġarr u kif wkoll l-airfield.

22.5.4 Il-kunsillier Larry Buttigieg issuġġerixxa li ssir loading/unloading bay quddiem l-New Water System ta' qrib il-Ħeliport. Sar qbil li għandna ngħaddu dan is-suġġeriment lil Transport Malta.

22.5.5 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex inżidu t-tabelli ta' No Heavy Vehicles fiċ-Ċentru storiku tal-lokal inkluż Triq Wied ir-Rgħajjes.

22.5.6 Il-Kunsillier Stephen Mercieca staqsa dwar hemmx xi ħsieb li tinbeda Triq il-Baħħara. Is-Sindku wieġbu li din it-triq hija mal-lista provduta lil Ministeru għal Għawdex għal toroq li jinħtieġ jiġu resurfaced f'Għajnsielem.

22.5.7 Il-kunsillier Stephen Mercieca faħħar is-suċċess tal-attivita' tas-St Patrick. Huwa propona li għandna nbiddlu kunċett billi nibdew b'quddiesa anke bil-partecipazzjoni tat-tfal tal-iskola. Ġie deċiż li din il-proposta tista tiġi kkunsidrata għall-edizzjoni li jmiss.

22.5.8 Il-Kunsillier Larry Buttigieg propona li għandna norganizzaw xi attivita' konnessa mal-World Cup li ser tibda fil-11 ta' Gunju 2026 inkluż tiżjin fiċ-ċentru t'Għajnsielem.

22.5.9 Il-Viċi Sindku Joe Debono propona li fl-entratura Ta' Passi nagħmlu bandiera mal-arbli bil-bnadar tal-pajjizi li ser jippartecipaw. Sar qbil li għandna nixtru bnadar tal-pajjiżi u jitpoġġew matul Triq J F De Chambray u fil-parking.

22.5.10 Il-Viċi Sindku talab sabiex jinqata' l-ħaxix tat-triq taċ- Ċimiterju.

22.5.11 Il-Viċi Sindku talab ukoll sabiex nenfasizzaw li tingħata t-tieni kisja ta' Triq il-Ħamri għax reġgħet ġiet l-istess.

**22.6 Korrispondenza**

**22.6.1** Ġiet trattata l-ittra legali li rċivejna mill-blokka 'Balzunetta Court' fi Triq Provigarju fejn opponew għal fatt li ma jsitgħux joħorġu skart qabel l-iskeda. Il-Kunsill qabel li m'għandu jkun hemm ebda eċċezzjonijiet u l-iskart għandu jinħareġ quddiem il-bieb tal-blokka mhux aktar minn siegħa qabel l-skeda.

**22.7 Updates Proġetti**

22.7.1 **Proġett Pjazza - Madonna ta' Loretu -** Is-Sindku għamel referenza għal fatt li nhar l-Erbgħa huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser niffirmaw l-Memorandum of Understanding tal-Pjazza mal-Ministeru għal Għawdex. .

22.7.2 Ser jigi ffirmat ukoll Addendum mal-Kurja billi ħa nżidu li ha ndaħħlu d-dwal tal-Knisja u fuq il-Pjanta żdiedu t-taraġ u z-zuntier ta' fuq.

22.7.3 **Triq Ħamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff.

22.7.4 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u illuminazzjoni quddiem il-każini.**

- Qed jiġi ippjanat sabiex ix-xogħol jinbeda qabel is-sajf

22.7.5 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

- Proġett huwa lest

22.7.6 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**

- Ix-xoghol minn Road Construction waqaf sakemm jinġiebu fondi mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar biex tissewwa it-tunnel biswit il-ġibja.
- Ix-xogħol fuq it-taraġ ta' Fuq il-Għajn miexi tajjeb fejn il-hardstone travertine tpoġġa u issa qed jsiru il-planters fil bricks u corten steel u se tinkludi sistema ta' water irrigation.

22.7.7 **Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Ix-xogħol miexi u qed jiġi mmoniterjat mit-team ta' Project Green.

22.7.8 **Bini Arkata**

- Fil-ġranet li jmiss se tinbena l-istruttura sabiex jkun jista jitkekkejl u jitfassal ix-xogħol tal-ġebel.

22.7.9 **Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin**

- L-applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar ġiet sottomoessa.
- Qed nistennew mill-Lands 'No objection'

22.7.10 **Ġnien quddiem il-Kunsill**

- Xogħol ta restawr tal-Monument Vittmi gwerra huwa lest. Għalissa m hemmx ippjanati aktar intereventi sakemm jiġi diskuss kif se jiġi ffinanzjajt il-bqija ta' proġett kollu u jekk hux se jkun prijorita'.

22.7.11 **Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**

- Ix-xogħol mistenni jibda fil-ġimgħat li jmiss u bħalissa qed nistennew is-samples tal-irħam

**22.8 Estimi Finanzjarji**

22.8.1 Ġew preżentati l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2026. Il-Kunsill approva l-kontenut.

## 22.9 Risposta ghal-Management Letter Audit 2024

22.9.1 Ġiet diskussa l-Management Letter għall-Audit tas-Sena Finanzjarja 2024 u ġew imfassla l-punti biex issir it-twegiba tagħha biex ċertu nuqqasijiet ma' jerġgħux jiġu repetuti.

## 22.10 Wara l-attivita ta' St.Patricks 2026

22.10.1 L-attivita saret fit-18 ta' Marzu minflok fis-17 ta' Marzu minħabba il-maltemp. L-attivita' xorta kienet ta' suċċess kbir mill-attendenza li kellna.

22.10.2 Sar qbil li għas-sena d-dieħla inkellmu aktar sponsors sabiex possibilment jkun hemm fondi anke għal tinda speċjalment fuq l-istage minħabba il-maltemp li jista jinqala.

22.10.3 Sar qbil li għandna ndaħħlu bouncing castle u xi attrazzjonijiet għat-tfal biex tkompli tkun Festa tal-Familja.

22.10.4 Sar qbil li għandna nibgħatu ittra ta' ringrazzjament lil Ministru għal Għawdex għas-suċċess miksub minn din l-attivita' sponsorjata mill-Ministeru tiegħu.

## 22. 11 Iffirmar MOU Progett tal-Pjazza

22.11.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li Il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar infurmana li l-Ministeru tal-Finanzi approva il-finanzjmaent tal-proġett ta' tisbiħ tal-Pjazza Madonna ta' Loreto li jammonta għal €2.6m (żewġ miljuni u sitt mitt elf ewro). Dan jinkludi il-pavimentar, taraġ, zuniter u dawl tal-Knisja. Il-ftehim se jiġi iffirmat waqt Press Conference li ser issir nhar l-Erbgħa 1 ta' April 2026 fin-12.30pm fi Pjazza Madonna ta' Loretu.

22.11.2 Ser jiġi ffirmat ukoll Addendum bejn il-Kunsill u l-Kurja sabiex tigi nkluza pjanta aġġornata bit-taraġ u zuntier kif wkoll id-dwal esterni ta' fuq il-Knisja.

22.11.3 Il-Kunsill qiegħed f'kommunikazzjoni kontinwa mal-Perit Godwin Sultana, l-Inġinieer Simon Mizzi, id-Direttur ta' Eko Għawdex u l-Arċipriet sabiex it-tender jiġi ppublikat kemm jista jkun malajr. Id-draft tat-tender se tkun qed jigi kkordinat ma' Michelle Vella u jiġi diskuss fil-laqgħa qabel jiġi ppublikat. Minħabba li l-ammont tat-tender jeċċedi l-miljun ewro, jrid jiġi ppublikat ukoll fl-EU journal.

**22.12 Iljieli Sajfin**

22.12.1 Għal Iljieli Sajfin il-Kunsill issottometta l-applikazzjonijiet tiegħu taħt il-Cultural Fund għall-attivita' ta' Cocomelon, Għajnsielemfest u għal kumplament tal-attivitajiet ta' l-Iljeli sajfin l-oħra ser napplikaw mad-Direttorat tal-Gvern Lokali taħt skema SPI\SCI\2\2026.

22.12.2 Applikazzjoni oħra li ġiet sottomessa hija dik għal fondi tal-attivita' ta' Gastronomija flimkien mal-Komunita tal-Patrijiet ta' Sant'Antnin biex titella' Lejla Maltija b'dimostrazzjoni ta' ikel tipiku Malti u tal-Festa tradizzjonali Maltija nhar il-5 ta' Settembru 2026. Din l-iskema ġiet imnedija minn Reġjun Għawdex u l-Kunsill jista' jibbenifika minn €5000.

**22.13 Applikazzjonijiet għal Skemi Ġodda**

22.13.1 Ġew trattati l-applikazzjonijiet ġodda mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għas-sena 2026. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal :-

22.13.2 **Skema SPI.SCI.01.2026** - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2026 (Data ta' l-għeluq nhar it-Tlieta 14 ta' April 2026) - Il-Kunsill qabel li għandu japplika fuq 'Iljieli Sajfin 2026' fuq il-programm diskuss u maqbul f'din l-istess laqgħa.

22.13.3 **Skema SPI.SCI.2.2026** - Finanzjament Lokalitajiet aktar nodfa. - Cleanup - (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026) Nerġgħu nirrepetu l-attivita' bħal tas-sena l-oħra li nnadfu l-area Ta Passi, Masġar ta' Chambray anke permezz ta' abseiling kif ukoll kampanja edukattiva dwar l-importanza tas-separazzjoni tal-iskart u jitqassmu boroz tal-iskart riciklat u dak organiku flimkien ma' nformazzjoni printjata.

**22.13.4** **Skema SPI.SCI.03.2026** - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2026).- Il-Kunsill se jkun qed japplika għal Bethlehem f'Għajnsielem, Siġra tal-Milied u Milied f'Għajnsielem

**22.13.5** **SPI.SCI.04.2026** - Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2026)- Il-Kunsill mhux se jkun qed japplika għal din l-iskema.

**22.13.6** **SPI.SCI.05.2026** - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2026) - Il-Kunsill qabel li se jkun qed japplika fuq progett ambjentali li jinkludi sistema ta' panelli solari fuq il-bjut tal-Kunsill u tisbieh ambjentali ta' zona fi Triq Ħamri.

**22.13.7** **SPI.SCI.06.2026** - Finanzjament - Karnival 2027 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 28 ta' Awissu 2026). Il-Kunsill se jkun qed japplika fuq l-attivitajiet tal-Karnival li jmiss – li ippjanat isir fis-6 ta' Frar 2027.

**22.14 Materji oħra**

22.14.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**22.15 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

22.15.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti numru 151. Il-pagamenti ġew approvati.

**22.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

22.16..1 Il-laqgha ntemmet fit-3:30pm u giet aggornata ghal nhar il-Ħamis 30 t'April 2026 fis-13:00 ta' wara nofsinhar.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**